TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1645

KAZ NRU. 1631

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Noel Camilleri

u

Nestle' Products (Malta) Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 7 ta' Novembru 2005.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 5 ta' Marzu 2002 b'referenza MSP/TI/25/2002.

Dan il-kaz kien beda jinstema mis-Sur Colin Tabone u meta dan irrizenja minn Chairman il-kaz gie allokat lic-Chairman prezenti.

It-Tribunal zamm erbghatax il-seduta.

Noel Camilleri, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey u Nestle' Products (Malta) Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Alfred Borg assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz il-Kumpanija qalet li l-appellant u zewg *salesmen* ohra tkeccew ghaliex ma kienux qed iwettqu l-obbligi taghhom dwar hinijiet tax-xoghol kif ukoll ma kienux qed ikunu fil-post determinat tax-xoghol izda x'imkien iehor. Dan irrezulta meta l-Kumpanija, fuq suspett li kellha li xi *salesmen* ma kienux qed jaqdu id-doveri taghhom, installat is-sistema tad-*Datatrak* fuq il-karozzi tal-Kumpanija li kienu juzaw. Kawza ta' nuqqasijiet li nstabu, zewg *salesmen* tkeccew immedjatament. L-appellant kien insista li ma ghamilx bhaz-zewg impjegati l-ohra u nsista mal-Commercial Manager li ghandu jivverifika sewwa ir-*records* tad-*Datatrak*. Dan ta' l-ahhar talab lill-*Management* biex jaghmel tali verifika u, meta gew konferemati n-nuqqasijiet, l-appellant tkecca.

L-appellant sostna li dejjem qeda dmirijietu lejn il-Kumpanija sewwa, li n-nuqqasijiet tieghu ma kienux tal-grad serju bhal ma kienu l-abbuzi ta' l-impjegati l-ohra u li diversi drabi qal lis-superjur tieghu li ma kellux xoghol bizzejjed biex jokkupa l-hinijiet kollha u kien talbu izidlu l-hwienet.

Mix-xhieda u mid dokumenti jirrezulta li l-Kumpanija ma kienetx sodisfatta bil-bejh li kienu qed jaghmlu s-*salesmen* u kellha suspett li uhud minnhom ma kienux qed iwettqu d-doveri taghhom sewwa. Iddecidiet li tigi nstallata is-sistema *Datatrak* fil-karozzi li kienu juzaw minghajr huma ma jkunu jafu b'dan. B'hekk l-Kumpanija kienet tista' tivverifikaw kull wiehed fejn mar u fi x'hin. Wara l-operazzjoni tas-sistema ghal sittax il-gurnata tax-xoghol saret analizi tar-*records* u rrezulta li l-appellant u zewg impjegati ohra diversi drabi, minghajr permess u fil-hin tax-xoghol, ma kienux fiz-zona allokata lilhom izda kienu mkejjen ohra. F'kazijiet indikaw fir-rapporti taghhom li kienu fir-rotta specifikata u/jew marru ghand hwienet f'certi hinijiet meta dan ma kienx veru.

In-nuqqasijiet taz-zewg impjegati l-ohra kienu hafna izjed gravi minn dawk ta' l-appellant u gew imkeccija immedjatament. L-appellant, meta inizjalment iffaccat b'dawn in-nuqqasijiet, sostna li ma kienx ghamel bhat-tnejn l-ohra u ried li ssir verifika dettaljata tar-*records* tad-*Datatrak*. Billi sa dak iz-zmien il-*Commercial Manager* kellu fiducja fl-appellant ikkonvinca lill-*General Manager* biex ma ssirx tkeccija immedjata izda issir tali verifika. Fil-fatt irrezulta li kien hemm nuqqasijiet ghalkemm mhux ta' l-istess gravita tat-tnejn l-ohra. Bhala rizultat gie terminat l-impieg tieghu.

It-Tribunal jinnota li f'kas minnhom, meta l-*Management* kollu kien imsifer fuq xoghol tal-Kumpanija, l-appellant kien mar fil-hin tax-xoghol fil-post fejn kellu *part-time job* u dam hemmhekk hin konsiderevoli. Dan flimkien ma nuqqasijiet ohra kkaguna li l-Kumpanija tilfet l-fiducja li kellha fl-appellant.

It-Tribunal jikkonsidra li n-natura tax-xoghol tal-Kumpanija jiddependi fi grad gholi hafna fuq il-hidma tas-*salesmen* u billi dawn qeghdin f'kuntatt dirett mal-klijenti minghajr sorveljanza bil-fors irid ikun hemm fiducja totali fihom mill-Kumpanija.

Billi n-nuqqasijiet ta' l-appellant ma kienux gravi daqs dawk taz-zewg impjegati l-ohra l-Kumpanija, kieku riedet, setghet tatu twissija serja u ttih *chance* iehor flok tkeccieh. Minn naha l-ohra l-Kumpanija kienet poggiet il-fiducja fih tant li xi zmien qabel kienet tatu zieda sostanzajali. Kellha ghalfejn tkun dizappuntata u titlef il-fiducja fih.

Il-fiducja mhix xi haga li titkejjel bi grad, per ezempju 80% fiducja. Wiehed jew ikollu fiducja f'xi hadd (100%) jew ma jkollux. Aktar u aktar meta l-fiducja tikkoncerna mpjegat li x-xoghol tieghu jirrikjedi li jahdem minghajr supervizjoni. Meta mpjegat jitlifha minhabba xi nuqqas tieghu ma jistax jitfa t-tort fuq il-principal.

Il-post ta' *salesman* f'kumpanija kummercjali u wiehed vitali u ta' fiducja u Kumpanija ghandha dritt tipprotegi l-interessi taghha meta titlef il-fiducja f'tali mpjegat minhabba nuqqasijiet li taghhom ghandu tort u b-ebda mod ma graw kawza ta' xi agir tal-Kumpanija.

It-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja